# KUNSILL LOKALI SAN ĠILJAN

**Triq Forrest, San Ġiljan, STJ 2033**
Tel: 21373111 Fax: 21373444
email: sangiljan.lc@gov.mt


Rif Minuti 38/K5/08

**Nru tal-laqgħa minn 07/04/'94 – 24/01/'08** **227**

**Nru ta' seduti minn 07/04/'94 – 24/01/'08** **280**

**1. Introduzzjoni**

1.01 Minuti tal-Laqgħa li saret nhar il-Ħamis 24 ta' Jannar 2008.

1.02 Il-Kunsill iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv, Triq Forrest, San Ġiljan, fis-2.30 p.m.

1.03 Preżenti: Sitt membri tal-Kunsill, flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv Helen Walker u l-iskrivana Roberta Sammut.

1.04 Assenti: Il-Kunsillier David Borg.

1.05 Kien hemm preżenti s-Sur Albert Borg rappreżentant tal-MP&DC.

1.06 Is-Sindku Peter Bonello ppresieda l-laqgħa.

**1.1 Talba**

1.1.01 Inqrat it-Talba.

**1.2. Aġenda**

1.2.01 Il-Kunsill mexa fuq l-avviż li ġie ppublikat fis-17 ta' Jannar 2008. L-Aġenda kienet hekk:-

1. Approvazzjoni ta' Minuti
2. Korrispondenza
3. Tenders: - Restoration of Triq Sant Elia Nru. 3/07-08

- Embellishment of Playing Field Ġnien Saver Zarb Nru. 4/07-08

4. Approvazzjoni għall-pagamenti tal-kontijiet
5. Approvazzjoni ta' Purchase Request Sheets

**1.3 Approvazzjoni tal-Minuti**

1.3.01 Iċ-Chairman Peter Bonello ressaq il-Minuti 36/K5/07 għall-approvazzjoni.

1.3.02 Il-Kunsillier Karl Gouder ippropona l-approvazzjoni ta' Minuti 36/K5/07.

1.3.03 Il-Kunsillier Norman Vella ssekondah.

1.3.04 Il-Kunsill qabel unanimament.

1.3.05 Iċ-Chairman Peter Bonello ressaq il-Minuti 37/K5/07 għall-approvazzjoni.

1.3.06 Il-Kunsillier Richard Scicluna ppropona l-approvazzjoni ta' Minuti 37/K5/07.

1.3.07 Il-Kunsillier Karl Gouder issekondah.

1.3.08 Il-Kunsilli qabel unanimament.

1.3.09 Iċ-Chairman Peter Bonello talab sospensjoni tar-regolamenti sabiex tiġi diskussa Item 3 qabel Item 2.

1.3.10 Ma kienx hemm oġġezzjoni.

**3 Tenders:- Restoration of Triq Sant Elia**

3.01 Il-Kunsill ġie ppreżentat b'kopja tas-schedule tat-tender (Ara Appendiċi 'A').

3.02 Il-Kunsill ġie nfurmat li ġew mitfuħa erba' offerti għar-Restoration ta' Triq Sant' Elia u li wara li nfetħu ġew mgħoddija lill-MP&DC għar-rakkomandazzjoni. Peress li kien hemm xi punti li kellhom bżonn jiġu kkjarifikati, saret laqgħa mat-tenderers kollha. Għal din il-laqgħa kienu preżenti s-Sindku, s-Segretarju Eżekuttiv u s-Sur Albert Borg

rappreżentant tal-MP&DC. Wara din il-laqgħa il-kuntratturi kollha minbarra r-Roads Servicing Ltd pprovdew, bil-miktub, saż-żmien stipulat, l-informazzjoni li ġiet mitluba lilhom u kopja tagħha ġiet mgħoddija lill-MP&DC.

3.03 Is-Sur Albert Borg ta spjegazzjoni ddettaljata fir-rigward l-offerti kollha li ntefgħu u rrakkomanda li l-offerta ta' l-Asfaltar Construction Ltd hija l-aktar waħda vantaġġjuża.

3.04 Is-Segretarju Eżekuttiv ġibdet l-attenzjoni tal-Kunsill illi qabel isir il-kuntratt mal-MEPA dwar il-fondi li ser jingħataw lill-Kunsill mill-UIF (Urban Improvement Fund) il-kuntrattur ma jistax jingħata l-approvazzjoni biex jibda x-xogħolijiet.

3.05 Wara diskussjoni ġie deċiż unanimament li f'dan l-istadju tintgħażel l-offerta u tiġi nnotifikata l-MEPA biex jsir il-kuntratt magħha.

**Embellishment tal-playing Field Ġnien Saver Zarb**

3.06 Il-Kunsill ġie ppreżentat b'kopja tas-schedule tat-tender (Ara Appendiċi 'B').

3.07 Il-Kunsill ġie nfurmat li ntefgħet offerta waħda għall-Embelllishment tal-Playing Field Ġnien Saver Zarb u wara li nfetħet ġiet mgħoddija lill-MP&DC għar-rakommandazzjoni. Peress li kien hemm xi punti li kellhom bżonn jiġu kkjarifikati, saret laqgħa mat-tenderer. Għal din il-laqgħa kienu preżenti s-Sindku, s-Segretarju Eżekuttiv u s-Sur Albert Borg, rappreżentant tal-MP&DC. Wara din il-laqgħa il-kuntrattur ipprovda, bil-miktub, l-informazzjoni li ġiet mitluba lilu u kopja tagħha ġiet mgħoddija lill-MP&DC.

3.08 Is-Sur Albert Borg spjega li meta l-kuntrattur ġie mitlub jikkonferma r-rati, dan għal xi reġuni biddel rata minnhom ( tar-railings). Għalhekk f'dan l-istatdju s-Sur Borg irrakkomanda li jiġi avviċinat il-kuntrattur biex jikkonferma r-rata oriġinali. Fin-nuqqas ta' dan ikollu jinħareġ tender ġdid. Jekk il-kuntrattur jikkonferma r-rata oriġinali, is-Sur Borg irrakkomanda l-offerta li ntefgħet.

3.09 Wara diskussjoni qasira ċ-Chairman ppropona li:-

i. Ssir laqgħa mal-kuntrattur biex jikkonferma li l-ewwel rata li kkwota fit-tender hija r-rata t-tajba;

ii. Jekk din ir-rata tiġi kkonfermata għalissa jsiru l-bandli u l-flooring biss madankollu l-Kunsill jintrabat li jagħmel il-fencing / railings fi żmien sena;

iii. Jekk għal xi reġuni l-kuntrattur ma jaċċettax din il-kundizzjoni l-Kunsill joħroġ tender ieħor biex isir il-fencing / railings wara li jgħaddi ż-żmien tat-tender.

iv. Jekk il-kuntrattur ma jikkonfermax ir-rata oriġinali jinħareġ tender ġdid.

3.10 Il-Kunsillier Richard Scicluna ssekondah.

3.11 Il-Kunsill qabel unanimament.

3.12 Iċ-Chairman irringrazzja lis-Sur Albert Borg talli attenda l-laqgħa filwaqt li ġie skużat fit-3.15p.m.

**Triq Sant Elia (contd)**

3.13 Il-Kunsillier Karl Gouder ippropona li tintgħażel l-offerta mitfuħa minn Asfaltar Construction Ltd.

3.14 Il-Kunsillier Edgar Montanaro ssekondah.

3.15 Il-Kunsill qabel unanimament madankollu l-Kunsilliera Irene Borg ma qablitx li t-triq ssir bil-'porfido' iżda li ssir bit-tarmac.

**2 Korrispondenza**

2.01 Fuq il-mejda tal-konferenza tqegħdet il-korrispondenza li nqrat miċ-Chairman Peter Bonello. Dawn huma:-

| Rif. Nru. | Korrispondenza |
|---|---|
| 5177&5355 | Ittri mingħand is-Sur E Zammit rigward it-tarġa tad-dar "Heights Cottage", Triq il-Fraxxnu, San Ġiljan. |
| 5212 | Kwotazzjoni mingħand il-Perit Lino Cachia għal resurfacing ta' Xatt is-Sajjieda. |

5213 Kwotazzjoni mingħand il-Perit Lino Cachia rigward rikostruzzjoni ta' Culvert fi Triq il-Kbira.

5281 Ittra mingħand is-Segretarju Permanent tal-Ministeru għall-Ġustizzja u l-Intern, rigward il-kuntratt ta' l-impieg għal żmien fiss tas-Segretarju Eżekuttiv.

5336 Ittra mingħand l-ADT rigward un/loading bay fi Triq San Ġorġ (ħdejn il-Focal).

5402 Ittra mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali rigward Tnaqqis mill-Fondi Allokati.

59/2008 Ittra mingħand l-AKL rigward UNIDO – China Global Investment Forum 2008.

130 Ittra mingħand il-Ministeru għall-Familja u Solidarjeta' Soċjali rigward il-ftuħ uffiċċjali tal-Kuridur Ekoloġiku ta' Ta' Ġiorni.

153 Ittra mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali rigward is-Sage Pastel Accounting Software.

160 Ittra mingħand The Malta Union of Tourist Guides (MUTG) rigward Info Signs.

207 Ittra mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali rigward Devoluzzjoni ta' Area quddiem it-Tigulio, San Ġiljan.

208 Ittra mingħand is-Sur Nicholas Coppini, Għaqda Sajjieda u Dilettanti Ġiljaniżi rigward Reserved Parking fuq Xatt is-Sajjieda.

244 Ittra mingħand il-Leon Promotions rigward l-attivita' tal-Karnival f'San Ġiljan.

247 Stedina mill-programm Xarabank.

267 Ittra mingħand l-ADT rigward Maintenance on Local Roads.

**Fost l-ittri li nqraw ġew diskussi:-**

2.02 Rif. Nru. 5177 & 5355

B'riferenza għall-ittra mingħand is-Sur Zammit rigward ħsara li saret fuq it-tarġa tiegħu, ġie deċiż unanimament illi l-Kunsill iħallas biex tiġi rranġata din it-tarġa. Madankollu ċ-Chairman ġibed l-attenzjoni li s-Sur Zammit għarfu li kien ser jipprova jara jekk tistax tissewwa.

2.03 Rif. Nru. 5212

B'riferenza għall-kwotazzjoni tal-Perit Lino Cachia għar-resurfacing ta' Xatt is-Sajjieda ġie deċiż unanimament li għalissa titħalla 'on hold' sakemm il-Kunsill ikollu biżżejjed finanzi biex isir dan il-proġett. Madankollu tintbagħat ittra lill-MEPA biex jekk hemm xi finanzi oħra mill-UIF (Urban Improvement Fund ) jew xi skema oħra dawn jintużaw għal Xatt is-Sajjieda.

2.04 Rif. Nru. 5213

B'riferenza għall-kwotazzjoni mingħand il-Perit Lino Cachia rigward rikostruzzjoni ta' Culvert fi Triq il-Kbira ġie deċiż unanimament illi għalissa tinżamm 'on hold' sakemm jiġi kkonfermat li l-Kunsill għandu finanzi biżżejjed biex isir dan ix-xogħol.

2.05 Rif. Nru. 5336

B'riferenza għall-ittra mingħand l-ADT rigward un/loading bay fi Triq San Ġorġ (ħdejn il-Focal) ġie deċiż unanimament illi jiġu nfurmati li hemm sitt (6) ħwienet u li l-Kunsill qiegħed jirrakkomanda li jsir *10 minute parking*.

2.06 Rif. Nru. 59/08

B'riferenza għall-ittra mingħand l-AKL rigward UNIDO – China Global Investment Forum 2008 il-Kunsill wera x-xewqa illi s-Sindku tal-ġurnata ta' meta ssir din l-attivita' jipparteċipa fil-UNIDO Global Forum 2008.

2.07 Rif. Nru. 130/08

B'riferenza għall-okkażżjoni tal-ftuħ uffiċċjali tal-Kuridur Ekoloġiku ta' Ta' Ġiorni ġie deċiż unanimament illi:-

i. Jiġu mistiedna l-għaqdiet tal-lokalita', il-Ministri tad-Distrett u l-ex Kunsilliera;

ii. Qabel il-ġurnata isir it-tindif tal-madwar u jingħata t-tarmak.

2.08 Rif. Nru. 153/08

B'riferenza għall-ittra mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali rigward is-Software tas-Sage ġie deċiż unanimament illi wara li jsir il-Euro conversion jiġi nstallat l-updated version tas-Sage Line 50 jekk is-Segretarju Eżekuttiv jidhirlu li dan għandu jsir.

2.09 Rif. Nru. 160/08

B'riferenza għall-ittra mingħand The Malta Union of Tourist Guides (MUTG) sabiex jitwaħħlu Tabelli ta' Informazzjoni fil-lokalita', il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni li dawn isiru dment li jinħarġu l-permessi meħtieġa.

2.10 Rif Nru. 213/08

B'riferenza għall-ittra mingħand is-Sur Nicholas Coppini sabiex isiru żewġ reserved parking bays fuq Xatt is-Sajjieda għas-sajjieda 'full-time' ġie deċiż unanimament illi wara li l-Kunsill jirċievi l-approvazzjoni mill-ADT jsiru żewġ parking bays "For Full Time Fishermen ONLY whilst on duty".

2.11 Rif Nru. 244/08

B'riferenza għall-ittra mingħand il-Leon Productions rigward l-attivita' tal-Karnival f'San Ġiljan il-Kunsill ġie nfurmat li għal sena oħra konsekuttiva, il-Kunsill ser jipparteċipa fl-attivita' tal-Karnival li ser isir fit-3 ta' Frar 2008. Din is-sena l-ispejjeż kollha minbarra tal-banda ser jitħallsu mill-FECC. Ser jippartiċipaw bandisti mit-tlett baned tal-lokalita' u l-ammont li ser jitħallas huwa ta' €582.34 (Lm250).

2.12 Ġie deċiż unanimament illi ssir laqgħa mal-pulizija qabel it-3 ta' Frar 2008 sabiex jiġi diskuss it-'traffic management'.

2.13 Iċ-Chairman ġibed l-attenzjoni tal-Kunsill li verbalment ġie nfurmat li l-Kunsill ser jirċievi madwar €5825 (Lm 2500) min-

naħa tal-ministeru tat-turiżmu. Dawn biex ikopru l-ispejjeż li l-Kunsill għamel għal attivitajiet tal-karnival u tal-folklore fis-snin li għaddew.

2.14 Rif. Nru. 247/08

B'riferenza għall-istedina mit-team tal-programm televiżiv Xarabank ġie deċiż unanimament illi jekk isir il-programm imorru s-Sindku u l-Viċi Sindku tal-ġurnata.

2.15 Rif. Nru. 267/08

B'riferenza għall-ittra mingħand l-ADT rigward *Maintenance on Local Roads* ġie deċiż unanimament illi l-Kunsillier Karl Gouder imur jara l-istat tat-toroq imsemmija fl-ittra u jirrapporta lill-Kunsill.

**4. Approvazzjoni għall-pagamenti tal-kontijiet**

4.01 Iċ-Chairman Peter Bonello ressaq il-pagamenti għall-approvazzjoni (Ara Appendiċi 'Ċ').

4.02 Il-Kunsillier Edgar Montanaro ppropona l-approvazzjoni tal-pagamenti.

4.03 Il-Kunsillier Karl Gouder issekondah.

4.04 Il-Kunsill qabel unanimament.

**5 Approvazzjoni ta' Purchase Request Sheets**

5.01 Iċ-Chairman Peter Bonello ressaq il-Purchase Request Sheets minn Nru. 2390 sa 2418 għall-approvazzjoni (Ara Appendiċi 'D').

5.02 Ġie deċiż unanimament illi:-

i. Jerġgħu jiġu miżbugħa l-parking bays fi Triq Ivo Muscat Azzopardi;

ii. Jitwaħħal l-isem tat-triq, fi Triq Ivo Muscat Azzopardi u tingħata l-informazzjoni tal-ismijiet kollha tat-toroq li għadhom pendenti lill-Kunsillier Edgar Montanaro.

5.03 Il-Kunsillier Norman Vella ppropona l-approvazzjoni tal-Purchase Request Sheets.

5.04 Il-Kunsillier Edgar Montanaro ssekondah.

5.05 l-Kunsill qabel unanimament.

5.06 Saret sospensjoni tar-regolamenti sabiex jiġu diskussi materji oħra.

5.07 Ma kienx hemm oġġezzjoni.

**6 Materji Oħra**

6.01 Il-Kunsill ġie nfurmat illi ser jinxtraw 100 parking discs.

6.02 Dwar il-laqgħa tal-Lokalita' ta' San Ġiljan u Paceville Hamlet ġie deċiż unanimament li ċ-Chairman jagħti d-dati għal dawn il-laqgħat lis-Segretarju Eżekuttiv.

6.03 Ġie deċiż unanimament illi:-

i. Jinbidlu ż-żewġ bins u ż-żewġ bankijiet li hemm ħdejn il-Merħba Pharmacy;

ii. Jitbaxxa d-dawl li hemm ħdejn iż-żebra crossing ta' ħdejn il-Każin tal-P.N. fi Triq Ġorġ Borg Olivier.

iii. Issir rubber road hump fi Triq Manuel Dimech, in-naħa tal-BOV Balluta, dment li hemm l-approvazzjoni ta' l-ADT.

6.04 Iċ-Chairman għandu jiċċekkja l-għaliex fi Triq Albert Mayr għadu ma sarx resurfacing min-naħa ta' l-ADT ;

6.05 Iċ-Chairman Peter Bonello għalaq il-laqgħa fil-4.45p.m.

| | |
|---|---|
| **Peter Bonello** | **Helen Walker** |
| **Sindku** | **Segretarju Eżekuttiv** |